MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEGISLATURA 2013 - 2017

SEDUTA NUMRU 3

IT-TNEJN 29 TA' MEJJU 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR
IT-TIENI PARTI TAL-LAQGĦA

PREZENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku Max Zammit qal lil-Kunsill biex Jum Ta' Xbiex issir fil-15 ta' Ġunju peress li jkun is-Sibt.

Se jiġu mistiedna l-Ambaxxati, l-eks Kunsilliera, tal-Waterpolo Club, tal-Futball club, tal-Paroċċa ta' Ta' Xbiex, il-Pulizija, u l-Ministru tal-Kunsilli.

Il-Kunsill qabel unanimament.

ii Is-Sindku Max Zammit qal li is-*siteplan* li għamel il-Kunsill tal-*bus shelter* ta' Princess Margaret ma gietx aċċettata. Għaldaqstant *Transport Malta* ddiskutew mas-Sindku Max Zammit fejn wara ħafna sforzi minn naħa tas-Sindku din giet emendata għal kif xtaq il-Kunsill, b'kundizzjoni li jsiru sinjali mal-art adekwati.

iii Is-Sindku Max Zammit qal li ltaqa ma wieħed mill-ħaddiema tal-ELC fejn ġie deċiż fejn għandhom jiġu miżbura s-siġar madwar il-lokalita' u l-kuntrattur qabel li s-siġar taż-żnuber ma tistax taqtagħom minn fuq.

iv Is-Sindku Max Zammit ppropona li għandha ssir *bus stop* fi Triq Testaferrata u l-Kunsillier Eugenio Muscat qabel u qal li għandha issir *zebra crossing.*

v Is-Sindku Max Zammit talab lil Kunsilliera biex sa l-aħħar tal-ġimgha d-dieħla iġibu r-*writeups* tagħhom għal *magazine* it-Tmunier biex jibdew jaħdmu fuqu.

## II KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier Eugenio Muscat ppropona li jinxtraw żewg *badges* bl-emblema ta' Ta' Xbiex tad-deheb u jingħataw liż-żewg Kunsilliera ġodda.

Il-Kunsill qabel.

ii Il-Kunsillier ppropona li jingħata ġieh Ta' Xbiex lil ex-Sindku Antoinette Vassallo, l-Ex-Onorevoli Adrian Vassallo u l-exVici Sindku Anton Farrugia.

Il-Kunsilliera qablu unanimament ma din il-il-proposta.

iii Il-Kunsilliera Eugenio Muscat ppropona li l-*parking* fi Triq Insig issir fuq in-naħa l-oħra tat-triq biex jizdied il-*parking* u jekk ikun hemm xi truck jew inġenji goffi jipparkjaw n-naha tal-ħajt u mhux fejn hemm id-djar tar-residenti. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qabel.

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u sar qbil li l-Kunsill għandu jiġi jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lit-Transport Malta fuq din l-area.

iv Il-Kunsillier Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni li l-passaġġi tas-*soft areas* fejn sar il-proġġett mhumiex l-istess u staqsa jekk se jitpoġġa xi madum. Is-Sindku Max Zammit qal li se jiċċekja l-pjanta u biex inġibu *samples* ta' madum biex jitpoġġa fil-passaġġi.

Għaldaqstant l-Kunsillier Eugenio Muscat kompla jżid li jixtieq li jsiru xi testijiet ta' konkos tal-bankini.

v Il-Kunsillier Eugenio Muscat ppropona ukoll li titnaddaf u tixxarrab Triq Prinċipessa Margerita mit-trabijiet li hemm u fejn qal ukoll li hemm xi tappiera li jridu jinbidlu.

vi Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li ħafna mill-bankini ghandhom bżonn manutenzjoni tax-Xatt, Abate Rigord u Triq Sir Temi Żammit.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

vii Il-Kunsillier Eugenio Muscat ppropona li għandhom jinħaslu l-*bins* tal-klieb u jiżdiedu tnejn u talab wkoll biex igibu *quotation* għall-bins għal ħdejn il-*bus stop* ta' Abate Rigord u postijiet ohra.

viii Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti ppropona li għandu jkun hawn reġistru ta' kull min ingħata Ġieh Ta' Xbex.

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni.

Dawn ġew approvati unanimament. Ġew iffirmati mis-Sindku Max Zammit, il-Kunsilliera Eugenio Muscat u l-Kunsilliera Frank Roe u l-Aġent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace.

Il-laqgha spiccat fis-7.30pm u sar ftehim biex il-laqgħa li jmiss ssir fit-18 ta' Ġunju 2013.

Max Zammit
Sindku

Paul.J.Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv